**MINUTI**

**Laqgħa tar-Reġjun Ċentru**

## Laqgħa Nru. 74/2016

Data: It-Tlieta 13 ta' Settembru 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

Preżenti:
Stefan Cordina– *Viċi President*
Keith Tanti – *Sindku tal-Pietà'*
Anthony Dalli –*Sindku l-Iklin*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*
Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*
Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*
Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*
Andre' Grech – *Viċi Sindku Hal Balzan*
Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*
Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*

Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
Michael Fenech Adami – *President*
Maximillian Zammit – *Sindku Ta' Xbiex*
Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*

Assenti:
Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*

---

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. *Inspire Walk*;
4. *Bye-laws*;
5. Komunikazzjoni mill-President;
6. Korrispondenza;
7. Mistoqsijiet;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Affarijiet Oħra;
10. Aġġornament.

## Minuti - 74/2016

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri li l-President, is-Sur Michael Fenech Adami skuża ruħu però ma setax j'jattendi għal din il-laqgħa u għal din ir-raġuni kellu jmexxi l-laqgħa hu.

Is-Sur Cordina qal it-talba u ppresieda.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Nru 73 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

**1.2** Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondat mill-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

**2.1** Il-Viċi-President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti fuq il-punti 6.1 u 6.2 tal-minuti. Fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil bejn il-membri sabiex is-Sur David Soler li kien qed jikteb għan-nom tal-Kumitat Konġunt tal-Lvant – jimxi skont il-parir tal-accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, bagħtet ittra nhar is-26 ta' Awwissu 2016. Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni min-naħa tas-Sur Soler s'issa.

**2.2** Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif wara l-aħħar laqgħa nġabru kwotazzjonijiet għall-*mobile toilets*. Irriżulta li kumpanija waħda biss li tipprovdi *mobile toilets* tal-injam u li dawn huma għaljin ħafna u ġeneralment jintużaw għall-okkażjonijiet speċjali. Apparti minn hekk, din il-kumpanija kellha tliet mobile toilets tal-injam biss. Jekk dan il-proġett għandu jsir l-ammont jirrikjedi sejħa ta' tender.

**2.3** Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, talab spjegazzjoni fuq il-ħsieb wara din l-inizjattiva.

**2.4** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li fiż-żewġ laqgħat preċedenti kien hemm il-ħsieb li jitpoġġew *mobile toilets* għax-xhur tas-sajf fil-Gzira, l-Imsida, tas-Sliema, San Ġiljan,u ta' Xbiex.

***5:47pm – is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, wasal għal-laqgħa.***

**2.5** Is-Sur Keith Tanti staqsa jekk ir-Reġjun hux ser jerġa' jqassam somma mis-surplus tad-dħul ta' LES.

**2.6** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li waqt il-laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex għalissa ma jitqassam l-ebda ammont ħlief dak miġbur mill-kontravenzjonijiet li nġabru permezz tal-ittri legali li kienet saret l-ewwel darba.

**2.7** Is-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli, spjega li f'waħda mil-laqgħat li għaliha kien preżenti, kien hemm ftehim li kien ser jerġgħu jitqassmu €200,000.00.

**2.8** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-laqgħa ta' wara kien hemm deċiżjoni li minħabba li r-Reġjun ma kienx qed ikollu dħul, ir-Reġjun ma kienx ħa jqassam aktar flus. Pero, fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun hija kienet infurmat lill-membri preżenti kif, wara diversi e-mails u komunikazzjoni, il-LESA kienet għaddiet is-salarji tal-ħaddiema sa Ġunju 2016.

**2.9** Is-Sinjura Galea kompliet tispjega li fil-laqgħa li jmiss għandu jiġi preżentat il-*financial quarterly report* għal perjodu Lulju sa Settembru 2016 u dan is-suġġett għandu jerġa' jiġi diskuss.

**3.0** Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri dwar dan.

# 3. Inspire Walk

**Inspire Walk**

3.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, spjega li għal din il-laqgħa kellhom jattendu is-Sur Vince Galea flimkien mas-Sinjura Giovanna Mirabile mill-Inspire Foundation sabiex jagħtu introduzzjoni fuq l-avveniment bl-isem 'Inspire Walk' li ser issir nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016.

3.2 Is-Sur Cordina żied jgħid li ser issir laqgħa ta' informazzjoni u għaliha huwa ferm importanti li j'attendu s-Sindki flimkien mas-Segretrarji Eżekuttivi ta' dan ir-Reġjun.

3.3 Il-Laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fis-6:00pm fl-Uffiċċju tat-Tribunal, San Ġwann.

## 4. Bye-Laws

4.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 1 ta' Settembru 2016. Din il-laqgħa kienet imsejħa sabiex il-membri jkunu jistgħu jibdew jiddiskutu aħjar il-BYE-LAWS.

4.2 Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Paul Radmilli, is-Sur Conrad Borg Manche, is-Sur Andre Grech, is-Sur Dominic Cassar u s-Sur Dorian Scibberras. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti li l-bye-laws komuni huma fuq:

- Kostruzzjoni;
- Inkonvenzjenza minn annimali;
- Sistema ta' park and ride;
- Boroż taż-żibel;
- Junk Mail;
- Green wardens;
- Ash-trays
- Permessi;
- Użu ta' trakkijiet żgħar (għal ġbir taż-żibel; tqassim tal-gass)

4.3 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tingħata direzzjoni mingħand avukat biex jagħti parir jekk wieħed għandux jidħol f'dawn il-bye-laws

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, staqsiet jekk l-avukat li ser inkellmu hux ser ikun Dr Richard Sladden. Dan għaliex dan ir-Reġjun m'għandu l-ebda kuntratt ta' avukat u Dr Sladden huwa wieħed mill-prosekuturi tat-Tribunal ta' dan ir-Reġjun.

4.5 Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Segretarju Eżekuttiv issaqsi jekk Dr Sladden jixtieqx jidħol għal din il-biċċa xogħol

**Komunikazzjon i mill-President**

## 5. Komunikazzjoni mill-President

Xejn.

# 6. Korrispondenza



**6.1** Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun irċieva e-mail mingħand is-Sur Fabian Galea rigward il-Parteċipazzjoni fil-European Week of Regions and Cities 2016 fi Brussel. Din is-sena dan l-invit kien miftuħ għal żewġ rappreżentanti minn kull Reġjun – membru tar-Reġjun flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Persuni li ser jirrapreżentaw lill dan ir-Reġjun huma s-Sur Anthony Chircop flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun. L-isem ittella' bil-polza wara li wħud mill-membri ltaqgħu għal-laqgħa dwar il-bye laws.

**6.2** Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand il-Kunsill Lokali tal-Imsida sabiex jikseb l-approvazzjoni tar-Reġjun sabiex il-fondi tiegħu jintefqu fuq xogħlijiet/proġetti varji fiż-żona tas-Swatar/ Ix-xogħlijiet li jinvolvu

- Bankina fi Triq is-Swatar;
- Bankina fi Triq Mons. Innoċenz Zammit;
- Irranġar ta' kamra fil-playgorund fi Triq Mons Arturo Bonnici; u
- Bdil ta' bollards tal-konkos tul il-belveder.

**6.3** Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**6.4** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, fakkret lill-membri sabiex jinfurmaw lir-Reġjun dwar il-fondi

**6.5** Is-Sinjura Jeanette Galea ressqet fuq il-mejda Ċirkulari Nru 16/2016- Ħatra ta' Deputat Segretarju Eużekuttiv mibgħuta mid-Dipartiment. Is-Sinjura Galea spjegat kif dan ir-Reġjun irid jagħżel persuna mill-pool tas-Segretarji Eżekuttivi fuq rakomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Għal din ir-raġuni hija innominat lis-Sinjura Marica Mifsud li hija s-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħ'Attard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti.

**6.6** Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri dwar

Ċirkulari Nru 17/2016 – Nuqqas ta’ Attendenza għal-Laqgħat minn Membri u Kunsillieri. Huwa spjega li f’din iċ-Ċirkulari, id-Direttur qed jinforma li jekk membru jibqa’ ma jattendix mingħajr raġuni ġustifikata, ir-Reġjun irid jgħarraf lill-Ministru sabiex tittieħed azzjoni.

6.7 Ċirkulari Nru. 18/2016 – Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali. Din l-email kienet iċċirkulata lill-Kunsilli lokali kollha.

6.8 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, ressaq fuq il-mejda ittra mingħand is-Sur Anthony Stephens miktuba f’isem it-tifel tieghu, Sean Stephens. F’din l-ittra, is-Sur Stephens kien qed jitlob sabiex is-somma totali ta’ €1,574.25 tiġi mħallsa b’kuntratt ta’ €100 kull xhar. Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti.

6.9 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, spjega kif dan ir-Reġjun irċieva e-mail aktar kmieni dak inhar mingħand l-AKL dwar EC Day Event fejn ser jitħawlu siġar nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Settembru 2016 fil-11am l-Imtarfa. L-AKL xtaqet tkun taf jekk dan ir-Reġjun hux interessat li jħawwel siġra għal din l-okkazjoni fl-Imtarfa jew f’xi post iehor. Kull siġra tiswa €14.00. Huwa spjega kif jekk ir-Reġjun ikun interessat li titħawwel pjanta, dan ir-Reġjun irid jinfurmawhom jekk hux ser titħawwel l-Imtarfa jew f’post ieħor.

7.0 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-Reġjun iħallas għal siġra waħda u titħawwel fl-Imtarfa.

## 7. Mistoqsijiet

Mistoqsijiet

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**8.1** Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, tallbet spjegazzjoni fuq pagament numru 27 minn Skeda B – 'Qawsalla Frame and Art).

**8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sinjura Galea, spjegat li żvilluppat żewġ ritratti (wieħed ta' l-istaff amministrattiv waqt il-laqgħa ġenerali, u ieħor tal-President) kif ukoll frames sabiex jitwaħħlu fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

**8.3** Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 73A u 73B. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

## 9. Affarijiet Oħra

Affarijiet Oħra

9.1 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lill-membri preżenti li hemm bżonn jinxtara television għal boardroom tar-Reġjun u għal din ir-raġuni huwa ressaq tliet kwotazzzjonijiet miġbura.

9.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, offra li jaf persuna li tkun tista' tagħtina prezzijiet wholesale.

9.3 Is-Sur Stefan Cordina żied li anke hu jista' jgħaddi kuntatt ta' persuna għall-prezzijiet tajbin.

9.4 Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex jinġabru kwotazzjonijiet mingħand dawn il-persuni u r-Reġjun jagħżel fuq l-irħas offerta.

9.5 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina spjega li dan ir-Regjun għandu bżonn jixtri l-ilma u sab offerta tajba mingħand ECO PURE fejn għal prezz ta' €599 ikun offrut 140 tank ta' ilma, flimkien ma' Hot & Cold Stainless Steel dispenser. Din il-water dispenser tkun tista' titpogga fil-board room tar-Reġjun. Kien hemm qbil dwar dan.

9.6 Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, informa lil membri preżenti dwar e-mail mingħand is-Sur Mario Camillier mill-A.M.E. Health and Safety Services sabiex isir risk assessment fl-uffiċċju tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv baghtet e-mail lil kull Kunsill Lokali bil-kwotazzjoni ta l-AME

sabiex isir risk assessment b'xejn kif ukoll kemm jiswew il-korsijiet li għandhom isiru.

## 10. Aġġornament

**Aġġornament**

**10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ġibdet l-attenzjoni tal-membri preżenti li hi kienet ġiet avviċinata mis-Sindku ta' Santa Venera sabiex, jekk ikun possibli, il-ġurnata tal-laqgħa ma tkunx nhar ta' Tlieta peress li hu ma jkunx jista' jattendi minħabba impenji oħra.

**10.2** Il-laqgħa ntemmet fis-6:55pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 5 ta' Ottubru 2016, fil-5:30pm.

**Michael Fenech Adami**
*President*

**Jeanette Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **5 ta' October 2016**